Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2006

Numru 297/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Enrico Vassallo**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva permezz ta' att ta' citazzjoni kontra Enrico Vassallo talli fl-20 ta' Mejju 2006 ghall-habta tal-ghaxra u tmienja u hamsin minuta ta' fil-ghodu, u fil-hinijiet ta' qabel, flimkien ma' persuna jew persuni ohra dahal fi triq jew passagg li jinsab fi triq ta' Taht il-Belt, limiti ta' Ghajnsielem (Xatt l-Ahmar) u kkommetta vjolazzjoni fil-proprjeta` ta' Paul Ciantar minn Ghajnsielem; u aktar (**2**) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biex jezercita dritt li jippretenda li kellu, fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjgu jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indahal fi hwejjeg haddiehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-31 ta’ Awissu 2006 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Enrico Vassallo hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ erbghin lira (Lm40);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Enrico Vassallo, minnu ppresentat fit-13 ta’ Settembru 2006, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-22 ta’ Dicembru 2006; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigwarda t-tnehhija mill-appellant ta’ xatba. Din ix-xatba kient tqieghdet minn Pawlu Ciantar snin ilu minhabba li kellu kwistjoni ma’ certu Kamenu Cauchi dwar l-uzu ta’ passagg li l-istess Ciantar jghid li kien wessa’ sabiex huwa jkun jista’ jghaddi minnu bl-ingenji. Ma’ l-istess passagg hemm passagg pubbliku li jiehu ghall-bahar. L-aggravji ta’ l-appellant kontra s-sentenza ta’ l-ewwel qorti huma bazikament tnejn. Fl-ewwel lok huwa jikkontendi li ma kkommetta ebda vjolazzjoni ta’ proprjeta` ghax ma giex ippruvat li l-passagg huwa ta’ Pawlu Ciantar. Fit-tieni lok jillanja li ma jikkonfigurax ir-reat ta’ *ragion fattasi*, ipotizzat bit-tieni imputazzjoni, ghax, fi kliemu stess *“…l-imputat ma hux qed jezercita dritt li ghandu. Li wiehed ikun qed inehhi ostakolu fi triq pubblika ma jkunx qed jezercita dritt li jippretendi li ghandu a tenur tal-artikolu 85 tal-Kap. 9, izda jkun qed jaghmel xi haga li jista’ jaghmilha kulhadd u ghalhekk mhix prerogattiva jew dritt tieghu pretiz jew xort’ohra”*.

Din il-Qorti tibda biex tosserva li ma hemmx kontestatzzjoni dwar il-fatt li kien l-appellant li, fil-gurnata in kwistjoni, qabad u nehha x-xatba. Kien addirittura huwa stess li mar jikkonsenja l-istess xatba fil-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat (Ghawdex) biex, skond ir-rapport li huwa ghamel, jezimi ruhhu minn kwalsiasi responsabbilta` dwar serq. Issa, mill-provi mismugha minn din il-Qorti – konsistenti fid-deposizzjoni ta’ Pawlu Ciantar u ta’ l-istess

appellant[1] – ma jirrizultax li biex tnehhiet ix-xatba xi hadd effettivament dahal fil-passagg allegatament proprjeta` ta' Ciantar. Ghalkemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (d) tal-Artikolu 340 tal-Kodici Kriminali tista' tigi kommessa kemm fil-konfront ta' proprjeta` mobbli kif ukoll fil-konfront ta' proprjeta` immobbli, il-mod kif inhi redatta l-imputazzjoni kjarament tirreferi ghal vjolazzjoni ta' proprjeta` immobbli konsistenti fid-dhul fi triq jew f'passagg, u mhux ghal xi vjolazzjoni konsistenti fir-rimozzjoni tax-xatba. Ghalhekk wiehed m'ghandux ghalfejn joqghod jintilef fl-argumenti – pjuttost konfuzi u konfuzjonarji – li l-appellant igib il-quddiem fir-rikors ta' appell tieghu taht l-ewwel aggravju. Galadarba ma hemmx prova li l-appellant, allura imputat, dahal fil-passagg jew triq allegatament proprjeta` ta' Ciantar, huwa ghandu jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni.

L-istess, pero`, ma jistax jinghad fir-rigward tat-tieni imputazzjoni. Mid-deposizzjoni moghtija mill-appellant stess quddiem din il-Qorti, jirrizulta li huwa gie kkuntattjat minn Karmenu Cauchi li lmenta mieghu li hu ma setax jghaddi, minhabba x-xatba, mill-passagg biex jahdem l-ghalqa tieghu u kien ilu hekk impedut ghal xi sentenjn jew tlieta. L-appellant, mistoqsi specifikatament mill-Qorti jekk huwa kienx jaf li dwar ix-xatba u l-passagg kien hemm proceduri pendenti quddiem il-qrati, wiegeb fl-affermattiv. Hu evidenti, ghalhekk, li l-argumenti mressqa mill-appellant dwar doveri civici li wiehed inehhi ostakoli minn toroq jew passaggi pubblici huma semplici *red herring* intizi biex jokkultaw l-iskop veru tal-agir tieghu, u cioe` li jghin lil Cauchi li jerga' jikseb access mill-passagg partikolari ghall-ghalqa (jew ghelieqi) tieghu u ma jiccentra xejn id-dritt ta' passagg pubbliku ghalbiex wiehed ikun jista' jinzel sa xatt il-bahar f'dawk l-inhawi. Meta l-ligi, fl-Artikolu 85[2], titkellem dwar il-jedd li l-agent ikun jippretendi li ghandu, dan il-jedd pretiz jista' jkun ukoll li dak li jkun jagixxi a nom ta' haddiehor, ossia biex jittutela dritt ta'

[1] Hemm ukoll l-affidavits ta' tliet ufficjali tal-pulizija li hadu r-rapport ta' l-appellant hekk kif dan iddepozita x-xatba fil-Ghassa tal-Pulizija, u li in segwitu kellmu wkoll lil Ciantar. La l-prosekuzzjoni u lanqas id-difiza ma talbu li dawn it-tliet ufficjali jinstemghu *viva voce* fl-istadju ta' appell.

[2] Mit-3 ta' Ottubru 2006 din id-disposizzjoni giet ri-enumerata bhala 85(1).

terz. Infatti f'dak li ghamel l-appellant hemm l-elementi kollha tar-reat in dizamina u cioe` (i) l-att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qieghed igawdi (f'dan il-kaz l-uzu tax-xatba da parti ta' Ciantar biex izomm lil Cauchi milli jidhol fil-passagg), maghmul dan l-att kontra l-opposizzjoni, espressa jew prezunta, tal-imsemmi Ciantar; (ii) il-kredenza li l-att qed isir fl-ezercizzju ta' dritt, f'dan il-kaz id-dritt ta' Cauchi (li ghalih agixxa l-appellant) li jidhol minn dak il-passagg biex jahdem l-ghelieqi tieghu; (iii) il-konsapevolezza fl-appellant li huwa kien qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li kellu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika; u (iv) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni, u minflok tilliberah minn din l-imputazzjoni; thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu multa ta' erbghin lira u minflok tikkundannah multa ta' tletin lira (Lm30), konvertibbli f'sitt ijiem prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------